# Ir-Rakkomandazzjonijiet ta' Ċipru dwar l-Assessjar Inkluživ

Aktar minn 150 parteċipant li jirrappreżentaw 29 pajjiż iltaqgħu matul il-Konferenza dwar 'L-Assessjar f'Ambjenti Inklużivi' organizzata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Kultura Ċiprijott u l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali. Din il-konferenza nżammet f'Limassol, Ċipru, nhar it-23 u l-24 ta' Ottubru 2008. Il-konferenza kienet l-aħħar parti ta' tliet snin ta' xogħol li fihom ġew eżaminati politika u prattika li għandhom bħala l-għan tagħhom li jsaħħu l-ebdukazzjoni inklużiva, f'ambjenti hekk magħrufa bħala *mainstream*.

Dan id-dokument huwa r-riżultat tad-dibattiti kif ukoll tal-konklużjonijiet kollettivi. Għaldaqstant dan id-dokument fih ir-rakkomandazzjonijiet li saru għall-policy makers kif ukoll dawk li jpoġġu fil-prattika dawn l-istess konklużjonijiet, biex b'hekk jiġu żviluppati proċessi ta' assessjar li jkomplu jgħinu l-kunċett tal-inklużjoni.

Il-messaġġi f'dan id-dokument kollha jaqblu mal-istqarrijiet internazzjonali ewlenin li għandhom x'jaqsmu mad-diżabiltà u li jgħinu fi ħtiġijiet edukattivi speċjali. Fost dawn wieħed jista' jsemmi l-Istqarrija Salamanka (1994) u l-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Drittijiet ta' Nies b'Diżabiltà (2006).

**Ir-Rappreżentanti jasserixxu li fil-pajjiżi kollha …**
… Il-proċessi tal-assessjar, il-proċeduri, il-metodi u l-għodod huma fattur kruċjali fis-sostenn tat-tgħallim tal-istudenti kollha, inklużi l-istudenti li jkunu identifikati bħala li għandhom ħtiġijiet edukattivi speċjali;

… L-assessjar jista' jikkontribwixxi, jew min-naħa l-oħra jfixfel il-proċess tal-inklużjoni. L-iżvilupp ta' proċeduri ta' assessjar u l-prattika inklużiva ġeneralment jidhru li huma marbuta ma' xulxin;

… Filwaqt li wieħed jagħraf ir-rwol tad-dijanjożi fi ħdan il-proċeduri tal-assessjar, hemm ħtieġa ta' qabża fl-enfasi tal-SEN. Din l-enfasi għandha x'taqsam mal-assessjar indipendentement minn dipendenza żejda fuq identifikazzjoni inizjali marbuta ma' dijanjożi jew allokazzjoni ta' riżorsa (ħafna drabi magħmula minn nies li jkunu 'l barra mill-iskola hekk magħrufa bħala *mainstream*) għal waħda ta' assessjar kontinwu magħmul minn għalliema u professjonisti oħra, li direttament jiggwidaw u jindirizzaw it-tagħlim u t-tgħallim;

… Hemm ħtieġa li jiġu żviluppati sistemi li jkunu kontinwi u jimxu mal-individwu li jkun; hemm bżonn ta' assessjar formattiv li jkun effettiv għall-iskejjel *mainstream*: li l-iskejjel u l-għalliema tal-klassi jingħataw l-għodod biex jieħdu r-responsabbiltà li jassessjaw it-tgħallim tal-istudenti kollha inklużi l-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali; fl-istess ħin jibdew jidentifikaw il-ħtiġijiet speċjali tal-istudenti l-oħra.

**Ir-Rappreżentanti jaqblu …**
… Fuq il-kunċett ta' *Assessjar Inkluživ*. Approċju ta' assessjar fl-ambjenti edukattivi kollha fejn il-politika u l-prattika jiġu ddisinjati b'tali mod li jippromwovu t-tgħallim tal-istudenti kollha kemm jista' jkun;

… Li l-għan komplut tal-assessjar inkluživ huwa li l-policies u l-proċeduri tal-assessjar isostnu u jtejbu l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni b'suċċess f'dak li huwa fiżiku, soċjali u akkademiku – tal-istudenti kollha inklużi l-istudenti li għandhom ċans jiġu esklużi u b'mod speċjali dawk bi ħtiġijiet edukattivi speċjali;

… Li l-prinċipji li nsibu fl-assessjar inkluživ huma:
- Il-proċeduri tal-assessjar kollha għandhom jiffukaw fuq li jindirizzaw u jippromwovu t-tgħallim, jiġifieri li wieħed jitgħallem;

- L-istudenti għandhom ikollhom dritt li jkunu parti minn proċeduri ta' assessjar li jkunu validi u li wieħed ikun jista' joqgħod fuqhom. Barra minn hekk dawn ikunu tajbin għal studenti individwali bi ħtiġijiet speċjali;
- Il-proċeduri tal-assessjar kollha għandhom jinbnew billi jintużaw il-prinċipji tad-disinn universali biex b'hekk jagħtu lill-istudenti kollha l-opportunità li juru dak li jkunu kisbu permezz tat-tgħallim tagħhom kif ukoll permezz tal-ħiliet u l-għarfien li jkunu kisbu;
- Il-ħtiġijiet tal-istudenti bi ħtiġijiet speċjali għandhom jingħataw l-importanza tagħhom. Għaldaqstant dawn għandhom ikunu parti integrali mill-policies tal-assessjar ġenerali kif ukoll speċifiku tal-edukazzjoni speċjali;
- Il-proċeduri tal-assessjar kollha għandhom jaraw li jagħtu importanza u fl-istess ħin jiċċelebraw id-diversità billi jidentifikaw u jivvalorizzaw dak li jkunu laħqu profiżjenza fih l-istudenti kif ukoll il-progress li jkunu għamlu fit-tgħallim l-istudenti individwali kollha;
- Il-proċeduri tal-assessjar kollha għandhom ikunu koerenti u kkoordinati. Fl-istss ħin dawn għandhom ikunu mmexxija mill-għan li jsostnu kif wieħed jitgħallem u jiġi mgħallem;
- L-assessjar inklużiv għandu l-għan li b'mod ċar daqs il-kristall ma jħallix li jkun hemm segregazzjoni – kemm jista' jkun. Fl-istess ħin ma jkunx hemm xi forma jew forom ta' llejbiljar. Dan jista' jsir billi tingħata importanza lit-tgħallim u l-prattika tat-tagħlim ta' xeħta inklużiva.

… Li prattika innovattiva ta' inklużjoni fl-assessjar inklużiv turi prattika tajba ta' assessjar għall-istudenti kollha;

… Li l-Assessjar *għat*-Tgħallim – mezz li permezz tiegħu l-istudenti jirriflettu fuq il-mod tagħhom ta' kif jitgħallmu u li jidħlu f'relazzjoni interattiva permezz tal-*feedback loop* mal-għalliema bil-għan li flimkien jippjanaw il-passi li jkun imiss fit-tgħallim tagħhom – huwa approċju li jsostni l-Assessjar Inklużiv.

**Ir-Rappreżentanti jirrakkommandaw li …**
… L-istudenti kollha jkunu involuti u jkollhom l-opportuntajiet li jinfluwenzaw l-assessjar tagħhom kif ukoll l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miri tat-tgħallim tagħhom u l-pjanijiet li jkunu għal skop ta' edukazzjoni individwali jew għodod li jixxiebhu;

… Il-ġenituri jkunu involuti u jkollhom l-opportuntajiet li jinfluwenzaw il-proċeduri tal-assessjar li fihom ikun it-tifel/tifla tagħhom;

… L-għalliema jużaw l-assessjar għat-tgħallim bħala mezz biex itejbu l-opportunitajiet tat-tgħallim għall-istudenti kollha. Dan jinvolvi l-issettjar ta' għanijiet/miri għal/u mal-istudenti (f'relazzjoni ma' strateġiji ta' tagħlim effettiv għal student/a speċifiċi) kif ukoll għalihom infushom. Dan jinvolvi wkoll il-*feedback* fuq it-tgħallim tal-istudenti b'tali mod li jilħaq il-ħtiġijiet tagħhom u jsostni t-tgħallim tagħhom;

… L-iskejjel jimplimentaw pjan ta' assessjar li jiddeskrivi l-għanijiet u l-użu, ir-rwoli u r-responsabiltajiet ta' assessjar kif ukoll dokumentazzjoni ċara fuq kif l-assessjar ikun qiegħed jintuża biex isostni l-ħtiġijiet diversi tal-istudenti kollha;

… Timijiet ta' assessjar multi-dixxiplinarju – indipendentement mill-kompożizzjoni professjonali tagħhom jew il-membri tat-tim – jaħdmu biex isostnu l-inklużjoni u t-tagħlim u l-proċessi tat-tgħallim għall-istudenti kollha;

… Proċeduri u *policies* ta' assessjar isostnu u jgħollu l-livell tal-inklużjoni b'suċċess u l-parteċipazzjoni tal-istudenti kollha li jkollhom ċans li jiġu esklużi, b'mod partikolari studenti li jkollhom ħtiġijiet edukattivi speċjali;

… Il-leġiżlazzjoni dwar l-assessjar għandha tippromwovi t-twettiq fil-prattika l-assessjar inklużiv fiż-żminijiet kollha.

**Limassol, Ċipru, Ottubru 2008**